Ġabra ta' studji minn għaxar Biblisti Maltin

# Enċiklopedija Biblika

Editur Donat Spiteri OFMCap



Anton Abela
Eġidju Mizzi OFMConv
Ġużeppi Calleja OFMConv
Guido Schembri OFM
Lawrenz Sciberras
Marcello Ghirlando OFM
Pawlu Sciberras
Pietru Pawl Zerafa OP
Valent V. Barbara

Enċiklopedija Biblika



Editur
Donat Spiteri
OFMCap

…duzzjoni tal-Media Centre, 2003
…N: 99909 - 2 - 071 - 0

…ra - *Mappa tal-Palestina, mużajk tas-Seklu Sitta jew Sebgħa li jinsab f'paviment ta' knisja f'Medeba.*

Complimentary
from
MEDIA CENTRE

# ENĊIKLOPEDIJA BIBLIKA

ĠABRA TA' STUDJI MINN DIVERSI
BIBLISTI MALTIN

Moderatur Ġenerali
Donat Spiteri, OFM Cap., S.Th.D. S.S.L.

Produzzjoni Media Centre
Malta 2003

© Media Centre 2003

Test tal-Bibbja: © Għaqda Biblika Maltija

Il-mapep fil-paġni 68-73 qed jintużaw bil-kortesija ta' l-Għaqda Biblika Maltija

Issettjat mill-Veritas Press u stampat mill-Media Centre Print

ISBN: 99909 - 2 - 071 - 0

# INDIĊI

Preżentazzjoni ... vi
Introduzzjoni ... viii
Il-Kittieba u l-Kitbiet tagħhom ... ix
Abbrevjazzjonijiet li jintużaw fil-Kotba Mqaddsa ... x
Abbrevjazzjonijiet Oħra ... x

## I. Studji ta' introduzzjoni ġenerali

Il-Bibbja – X'inhi u kif waslet għandna ... 1
Il-kanoni tal-Kotba Mqaddsa ... 7
L-ispirazzjoni u l-verità biblika ... 15
L-interpretazzjoni tal-Bibbja ... 31
L-ilsna oriġinali tal-Bibbja ... 37
It-testi oriġinali u verżjonijiet ewlenin tal-Bibbja ... 41
Ġeografija biblika ... 51

## II. Il-kotba tat-Testment il-Qadim

Il-Pentatewku – Daħla ġenerali ... 77
Il-Ktieb tal-Ġenesi ... 88
Il-Ktieb ta' l-Eżodu ... 93
Il-Ktieb tal-Levitiku ... 100
Il-Ktieb tan-Numri ... 106
Il-Ktieb tad-Dewteronomju ... 116
Il-Ktieb ta' Ġożwè ... 123
Il-Ktieb ta' l-Imħallfin ... 125
Il-Ktieb ta' Rut ... 128
Il-Kotba ta' Samwel ... 130
Il-Kotba tas-Slaten ... 133
Il-Kotba tal-Kronaki ... 136
Il-Kotba ta' Esdra u Neħemija ... 139
Il-Ktieb ta' Tobit ... 142
Il-Ktieb ta' Ġuditta ... 144
Il-Ktieb ta' Ester ... 146
Il-Kotba tal-Makkabin ... 148
Il-Kotba ta' l-Għerf – Introduzzjoni ġenerali ... 151
Il-Ktieb ta' Ġob ... 156

Ewsebju ta' Ċesarija (260-340) ukoll jixhed li fi żmienu l-Ittra ta' Ġakbu, l-ittra ta' Ġuda, it-2 Ittra ta' Pietru u t-2 u t-3 Ittra ta' Ġwanni ma kinux fil-kanoni tat-Testment il-Ġdid.

Mela b'riferenza għat-Testment il-Ġdid ukoll irridu nżommu d-distinzjoni bejn il-kotba "protokanoniċi" u "dewterokanoniċi" - dawk li ġew aċċettati mill-ewwel bħala ispirati u dawk li għal xi żmien kien hemm xi dubji dwar l-ispirazzjoni divina tagħhom. Imma dawn ta' l-aħħar ukoll ma damux wisq fl-istat tad-dubju. F'għeluq ir-raba' seklu kienu aċċettati mal-kotba l-oħra ispirati fil-kanoni tat-Testment il-Ġdid. Hekk jixhdu l-listi ta' Sant'Atanasju (295-373), ta' Santu Wistin (354-430) u tal-konċilji ta' Ippona (393) u ta' Kartaġni III (397). Habta tas-sena 400 WK il-Kanoni tat-Testment il-Ġdid kien stabbilit u magħluq bis-27 ktieb tiegħu fil-Knisja universali tal-lvant u tal-punent.

Meta l-Konċilju ta' Trento (1546) iddefinixxa l-Kanoni tal-Kotba Mqaddsa - tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid - ma għamilx ħaġa oħra ħlief mexa mal-linja tat-tradizzjoni, miżmuma b'għożża fi ħdan il-Knisja, u kkonfermata bħala regola tal-fidi u tal-ħajja għal ulied il-Knisja kollha.

Hekk, kif wasal biex stqarr William Barkley, "il-kanoni ta' l-Iskrittura ġie fformulat mill-Knisja; f'dan is-sens, ma kinitx il-Bibbja li għamlet il-Knisja, kienet il-Knisja li għamlet il-Bibbja; għax il-Knisja kienet ilha teżisti ħafna qabel il-Bibbja".

DS



# L-ISPIRAZZJONI U L-VERITÀ BIBLIKA

Il-kelma ta' Alla mlissna jew miktuba tissejjaħ ispirata. Din it-terminoloġija toħroġ minn żewġ testi tat-T.Ġ. Pawlu jgħid: "l-Iskrittura kollha hija divinament ispirata, *teòpneustos*" (2 Tim 3,15). Il-kelma *teòpneustos*, minn *teos* (Alla) u *pneuma* (spirtu), tfisser imxappa bl-ispirtu ta' Alla jew imxappa minn Alla bl-ispirtu. Hija kelma rara. Ma tinsabx fil-Grieg klassiku. Tidher f'erba' dokumenti àntiki ta' wara Pawlu. Forsi ħalaqha Pawlu stess. Forsi sabha fl-ambjent reliġjuż ta' madwaru. Pietru jgħid li l-profezija ma ġietx mir-rieda tal-bnedmin, għaliex il-bnedmin ta' Alla tkellmu "merfugħin, *feròmenoi*, mill-Ispirtu s-Santu" (2 Pt 1,21). Il-kelma *feròmenoi* hija parteċipju passiv tal-verb *fero*, refa', ġarr, qandel, ġieb, qanqal. Iż-żewġ testi meħudin flimkien juru li l-awturi tal-kotba mqaddsa kienu mmexxija mill-Ispirtu divin u li l-kitba tagħhom għandha l-Ispirtu divin. Dawn it-testi jaqblu ma' ħafna oħrajn li jsemmu l-Ispirtu ta' Alla fil-ħidma tiegħu stess jew fil-kliem, kitba u għemil tal-bnedmin ta' Alla.

**L-Ispirtu tal-Mulej**

Fit-T.Q. l-Ispirtu ta' Alla kien jittajjar fuq ix-xejn ta' qabel il-ħolqien (Ġen 1,2). Niżel għand Balgħam (Num 24,2), Ġożw (Num 27,18), l-Imħallfin (Imħ 3,10; 6,34; 11,29; 13,25; 14,6.19), Sawl (1 Sam 10,6.10; 11,6; 19,23; imma Sawl tilfu,1 Sam 16,14), il-messaġġieri ta' Sawl (1 Sam 19,20) u Eżekjel (Eżek 2,2; 3,24). Minn Mosè mar għand is-sebgħin xiħ magħżulin minnu biex jgħinuh fit-tmexxija tal-poplu (Num 11,16.17.24.25). Ġoel wiegħed l-inżul ta' l-Ispirtu fuq kulħadd (Ġoel 3,1.2; ara wkoll 1 Kron 12,18; Neħ 9,30; S 33,6; 51,13; 104,29.30; Is 11,2; 41,2; 61,1; 63,10-13; Żak 7,12).

Fit-T.Ġ. l-Ispirtu ta' Alla niżel fuq Marija (Lq 1,35) li biħ nisslet fil-ġuf (Mt 1,18.20), deher taħt forma ta' ħamiema fil-magħmudija ta' Kristu (Mt 3,16; Gw 1,32.33), mexxa lil Kristu lejn id-deżert biex jiġġarrab mix-xitan (Mt 4,1; Mk 1,12; Lk 4,1), niżel fuq id-dixxipli f'Għid il-Ħamsin taħt forma ta' ilsna tan-nar (Atti 2,4), iqassam diversi doni fil-Knisja (1 Kor 12,4-11) u jferrex fi qlubna l-imħabba ta' Alla (Rum 5,5). David bl-Ispirtu sejjaħ lill-Messija sidu (Mt 22,43). L-Ispirtu permezz ta' David ħabbar il-waqgħa ta' Ġuda (Atti 1,16). Alla permezz ta' l-Ispirtu u ta' David ħabbar li s-slaten għad iqumu kontra l-Messija (Atti 4,25). L-Ispirtu permezz ta' Isaija ħabbar l-ebusija ta' qalb il-poplu (Atti 28,25). L-Ispirtu jgħid lil-Lhud biex ma jwebbsux qalbhom (Lhud 3,7). L-Ispirtu wera li t-triq tat-tempju tas-sema kienet magħluqa waqt li t-triq tat-tempju tad-dinja kienet miftuħa (Lhud 9,8). L-Ispirtu xehed li Kristu b'sagrifiċċju wieħed iqaddes lill-poplu darba għal dejjem (Lhud 10,15). Żakkarija, mimli bl-Ispirtu, beda jħabbar (Lq 1,67). Ħafna drabi t-T.Ġ. jifhem l-Ispirtu s-Santu, imqar meta jsemmi l-Ispirtu ta' Kristu, l-Ispirtu mogħti minnu (Rum 8,9; Gal 4,6; Fil 1,19).

Il-ħidma ta' l-Ispirtu fil-kelma ta' Alla tidher ukoll fit-tradizzjoni ewlenija, Lhudija u Nisranija. Filo ta' Lixandra jgħid li l-profeti kellhom l-ispirazzjoni, *epipnoia*; ġie fuqhom l-Ispirtu, *epipneo* (*De monarchia*,9); niżel fuqhom l-Ispirtu,

*katapneuo* (*Quis rerum divinarum haeres*,259). Flavju Ġużeppi jgħid li l-profeti kitbu l-ġrajjiet antiki kif tgħallmuhom minn Alla stess bl-ispirazzjoni, *epipnoia* (*Contra Apionem*,1,7). S. Klement ta' Ruma jsemmi t-test ta' Ġer 9,20.21 u jgħid li lissnu l-Ispirtu (1 *Korintin*,13,1; *PG* 1,236); isemmi it-test ta' Is 53,1-12 u jtenni li lissnu l-Ispirtu (1 *Korintin*,16,2; *PG* 1,240); isemmi l-Bibbja kollha u jgħid li ġejja mill-Ispirtu (1 *Korintin*,45,2; 53,1; *PG* 1,300,316). L-*Ittra ta' Barnaba*,9,2 tgħid li l-Ispirtu ħabbar waqt li tiċċita Eż 15,26; S 33,15. S. Ġustinu jgħid li l-profeti tkellmu bl-Ispirtu (*Dialogus cum Tryphone Judaeo*,7; *PG* 6,492). S. Teofilu ta' Antjokja jsejjaħ lill-kittieba mqaddsa *pneumatòforoi*, ispirati, jerfgħu l-Ispirtu (*Ad Autolycum*,2,9.22; PG 6,1064,1088).

Il-Knisja ssemmi l-ispirazzjoni f'diversi dokumenti. Il-Kunċilju ta' Firenze jgħid li l-kotba mqaddsa nkitbu *Spiritu Sancto inspirante*, billi ispirahom l-Ispirtu s-Santu (D 706). Il-Kunċilju tal-Vatikan I għall-ewwel darba jsemmiha bħala domma: jhedded b'anatema lil min jiċħad li huma *divinitus inspiratos*, ispirati divinament, ispirati minn Alla (D 1809) u jtenni l-espressjoni *Spiritu Sancto inspirante* (D 1787). Itennuha wkoll, kultant b'xi varjanti, il-Kunċilju tal-Vatikan II (*Dei verbum*,11), il-Kongregazzjoni ta' l-Inkiżizzjoni Universali (digriet *Lamentabili*; D 2010-2011), Ljun XIII, Benedittu XV (enċiklika *Spiritus paraclitus*; D 2186), Piju XII (enċiklika *Divino afflante Spiritu*; *EB*,538). Il-Kummissjoni Biblika Pontificja ssemmi wkoll id-domma ta' l-ispirazzjoni, *dogmate item catholico de inspiratione* (*Responsum XIV*; D 2180).

L-Ispirtu ta' Alla huwa Alla stess. Il-Bibbja, minħabba r-rispett lejn Alla, ma tħobbx issemmih direttament.Tippreferixxi ssemmi xi attribut tiegħu, bħall-kelma (S 33,6), leħen (Eż 5,2), fomm (Is 1,20), id (Ġob 14,15), swaba' (S 8,4), ruħ (Ġen 22,16), għerf (Sir 24,1), ħniena (S 77,9), qawwa (Ġer 10,12), korla (2 Slat 24,20), isem (Lev 24,11), anġlu (Ġen 16,7) u speċjalment l-Ispirtu li fl-aħħar kelmiet ta' David (2 Sam 23,2.3) jidher f'paralleliżmu ma' Jaħweh: "L-Ispirtu ta' Jaħweh tħadded fija, u kelmtu fuq ilsieni; qal Alla ta' Israel, lili kellem Miġbel Israel". Dan ifisser li l-awturi tal-kotba mqaddsa kienu mmexxija minn Alla u li l-kitba tagħhom mimlija b'Alla.

**Deskrizzjoni ta' l-ispirazzjoni**

Il-Bibbja ma tgħidx bi preċiżjoni kif Alla mexxa l-awturi u mela l-kitba tagħhom. B'mod popolari tiddeskrivi l-ispirazzjoni bħala kelma ta' Alla stess (l-orakli ta' Ġeremija kienu l-kelma ta' Alla, Ġer 1,8.15.19; 2,3.9.12.19.29; 3,1.10.12.13.14.16.20; ix-xandir ta' Pawlu fih il-kelma ta' Kristu,1 Kor 11,23), jew kitba tiegħu (it-twavel tal-liġi kitibhom b'subajh, Eż 32,16; 34,1; Dt 4.13; il-kotba huma sagri,2 Mak 8,23; 2 Tim 3,15; mqaddsa,1 Mak 12,9; Rum 1,2), jew ħolma (fil-ħolm Alla kellem lil Abraham, Ġen 15,12; u l-anġlu tal-Mulej lil S.Ġużepp, Mt 1,20), jew dehra (Alla kellem f'dehra lil Adam u Eva, Ġen 3,9 u lil Mosè, Eż 6,2; Kristu b'dehra kellem lil Pawlu, Atti 9,4), jew ħakma (l-Ispirtu ta' Alla ħakem lill-Imħallfin, Imħ 3,10; 6,34; 11,29; 13,25; 14,6.19; daħal f'Eżekjel, Eżek 2,2; 3,24; niżel fuq Marija, Lq 1,35), jew tqanqil (l-Ispirtu ta' Alla qanqal lill-qaddej tal-Mulej biex ixandar il-ħaqq fost il-ġnus, Is 42,1 u lill-profeti biex



jiktbu t-tħabbir tagħhom,2 Pt 1,21), jew kmand biex jagħmlu xi ħaġa (Alla ordna lil Abraham biex iħalli pajjiżu u jmur fil-Palestina, Ġen 12,1; ordna lil Mosè biex joħroġ lil-Lhud mill-jasar ta' l-Eġittu, Eż 3,10; l-Ispirtu ordna lill-mexxejja tal-Knisja f'Antjokja biex jagħżlu lil Barnaba u Pawlu għall-missjoni fost il-ġnus, Atti 13,1); biex jitkellmu (Alla ordna lil Mosè biex iwassal il-liġi lill-poplu, Eż 20,2; ordna lil Ġeremija biex iwassal kelmtu lill-ġnus, Ġer 1,7; l-anġlu tal-Mulej ħeles lill-appostli mill-ħabż u ordnalhom ixandru l-Evanġelu bil-qawwa, Atti 5,20); biex jiktbu (Alla ordna lil Mosè biex jikteb rakkont tal-battalja ma' Għamalek, Ġen 17,14; ordna lil Eżekjel jikteb deskrizzjoni tat-tempju u ċ-ċerimonji tiegħu, Eżek 43,11: il-leħen ta' Kristu ordna lil Ġwanni biex jikteb lis-seba' Knejjes, Apok 1,11).

It-tradizzjoni Lhudija wkoll fiha deskrizzjoni popolari ta' l-Ispirazzjoni. Ir-rabbini jsejħu l-Bibbja *kitbe hakkodex*, kitbiet il-qdusija, kitbiet mqaddsa (*Xabbat*,16,1; *Erubin*,10,3) li jniġġsu l-idejn (*Jadajm*,3,2). Filo ta' Lixandra jsejjaħ l-ispirazzjoni *teoforetos mania*, manija maħkuma minn Alla, manija divina (*Quis rerum divinarum haeres*,52), jew *entousia*, milja b'Alla, ħatfa minn Alla, divinizzazzjoni (*op. cit*.,259). Jgħid li Alla mess il-kordi vokali tal-profeti biex jagħmel s-sinfonija perfetta li hija l-Bibbja (*ibid*,266). Flavju Ġużeppi jgħid li l-profeti għarfu l-ġrajjiet ewlenin minn Alla stess (*Contra Apionem*,1,7) u li meta s-sultan Balak talab lill-profeta Balgħam biex jisħet lil-Lhud, Balgħam wieġbu li l-Ispirtu jqiegħed kliemu fuq fomm il-profeti u dawn ma jistgħux jisktu jew jgħidu ħaġa oħra (*Antiquitates*,4,6,5).

Fit-tradizjoni nisranija d-deskrizzjonijiet popolari huma ħafna. Alla huwa l-awtur, *auctor*, tal-kotba mqaddsa (S. Ġirolmu, *Commentarius in Epistolam ad Ephesios 3,5-6*; *PL* 26,469; S. Wistin, *Contra Adimantum Manichaei discipulum*,16,3; *PL* 42,157). Il-Bibbja hija ittra, *litterae*,li waslitilna mis-sema (S. Wistin, *Enarratio in psalmum 90, sermo* 2,1; *PL* 37,1159; S.Ġwann Grisostmu, *In Genesim homilia* 2,2; *PG* 53,28), manuskritt, *chirographum*, ta' Alla (S. Wistin, *Enarratio in psalmum 114*,17; *PL* 37,1880). Fiha l-kliem, *verba*, tal-Mulej (S. Ġirolmu, *Tractatus de psalmo 88*, ara *Anecdota Maredsolana*,3,3,53), l-ilħna, *voces*, ta' Alla (Tertulljanu, *Apologeticus*,31; *PL* 1,446), id-diskorsi, *logia*, ta' Alla (S. Klement ta' Ruma,1 *Korintin*,53,1; *PG* 1,316), imlissna, *reteisa*, mill-Mulej (*Didakè*,14,3), iddettata minnu, *dictante capite* (S. Wistin, *De consensu evangelistarum*,1,35,54; *PL* 34,1070). L-awturi mqaddsa kienu mqanqlin minn Alla, *teoforountai* (S. Ġustinu, *Apologia I pro christianis*,33; *PG* 6,381); kitbu mhux bl-arti imma bil-grazzja, *secundum gratiam* (S. Ambroġ, *Epistola 8 ad Justum*,1; *PL* 16,912), kienu strument, *organon*, tal-Verb ta' Alla (S.Teofilu ta' Antjokja, *Ad Autolicum*,2,10; *PG* 6,381). L-Ispirtu nqeda bihom bħala kitarra jew lira, *kitaras tinos e lura* (S.Ġustinu [spurju], *Cohortatio ad Graecos*,8; *PG* 6,256); nefaħ fuqhom, ispirahom, kif flawtista jonfoħ, *empneusai*, fil-flawt (Atenagora, *Legatio pro christianis*,9; *PG* 6,908); kiteb bihom bħalma awtur jikteb b'idejh, *tamquam suis manibus* (S.Wistin, *De consensu evangelistarum*,1,35,54; *PL* 34,1070). L-ispirazzjoni hija kondixxendenza jew ċkunija, *sunkatabasis*, għaliex biha l-kelma divina saret umana (S. Ġwann Grisostmu, *In Genesim homilia 17*,1; PG 53,134).

It-teologi skolastiċi, l-iktar S. Tumas ta' Akwinu (*Summa Theologiae*, II-II,171-175; *Quaestiones disputatae de veritate*,12; *Quodlibetum 7, q.6*) riedu jagħtu deskrizzjoni iktar teknika ta' l-ispirazzjoni u fissruha bħala qawwa soprannaturali li biha Alla jsaħħaħ l-kapaċità naturali ta' l-awturi mqaddsa. Kull bniedem għandu l-kapaċità tiegħu naturali, li biha jitwieled jew li jikseb matul il-ħajja u li jiżviluppaha bit-taħriġ u l-esperjenza. Meta jagħmel jew jgħid jew jikteb xi ħaġa, il-bniedem juża din il-kapaċità naturali. Alla, li minnu ġej kollox, jgħinu fl-użu tal-kapaċità tiegħu, imma ma jżidlu xejn magħha. Għalhekk l-għemil, il-kelma u l-kitba jitqabblu mal-kapaċità umana u għandhom valur uman.

## Il-Kelma ta' Alla fi kliem il-bniedem

Bl-ispirazzjoni Alla mhux biss jgħin lill-bniedem fl-użu tal-kapaċità umana, imma jsaħħaħlu l-kapaċità tiegħu b'qawwa soprannaturali, b'mod li l-għemil, il-kelma u l-kitba tal-bniedem jitqabblu mal-qawwa soprannaturali u għandhom valur soprannaturali, divin. Isiru għemil ta' Alla (hekk jiġru l-mirakli), kelma ta' Alla (hekk jitlissnu l-orakli profetiċi), kitba ta' Alla (hekk jinkitbu l-kotba mqaddsa). Alla jiġi l-vera kawża ta' l-opra umana kollha. Il-bniedem isir sempliċi strument f'idejh. Ma jitlifx il-kapaċità umana tiegħu imma jitlaqha f'idejn Alla li jużaha biex iwettaq l-opra tiegħu. Il-karatteristiċi personali, letterarji, kulturali, xjentiċiki, duttrinali u ambjentali ta' l-awturi mqaddsa jibqgħu jidhru fil-kelma divina tagħhom. Il-profeti Għamos u Hosegħa mnebbħin mill-istess Jaħweh wasslu messaġġ differenti lill-istess saltna ta' fuq fl-istess perjodu. L-erba' Evanġeli, miktubin mill-istess Alla permezz ta' erba' bnedmin differenti, jagħtu rakkont differenti ta' l-istess ġrajja ta' Kristu.

Il-qawwa soprannaturali jew ispirazzjoni tinsab biss fil-bniedem ispirat. Lilu biss jispira Alla. L-għemil, kelma jew kitba tiegħu jistgħu jissejħu ispirati terminalment għaliex huma l-frott ta' bniedem ispirat u jesprimu l-ispirazzjoni tiegħu. Hekk ukoll l-arti tinsab fl-artista, is-sengħa fil-mastru, ix-xjenza fix-xjenzjat. L-opra li jipproduċu hija espressjoni u xhieda tal-kapaċità artistika, maġistrali u xjentifika tagħhom. Il-Bibbja hija espressjoni ta' l-ispirazzjoni ta' l-awturi mqaddsa.

L-ispirazzjoni divina hija interna, spiritwali (ma tidhirx, ma tinstemax, ma tinħasx), għaliex Alla huwa esseri eminentement spiritwali, l-għemil tiegħu kollu huwa spiritwali u l-kuntatt tiegħu mal-bniedem ma jistax ikun ħlief spiritwali. Il-bniedem huwa esseri materjali u jgħix f'ambjent materjali. Għandu bżonn jimmaterjalizza kollox biex jagħrfu u jifhmu. Jimmaterjalizza l-kunċetti l-iktar astratti, bħall-ħeffa, lajma, sbuħija, kruha, imħabba, mibegħda, ferħ u dieqa: ipinġihom u jnaqqaxhom fuq il-ġebla. Ipinġi u jnaqqax ukoll il-ħajja ta' Alla bħall-att tal-ħolqien u l-istess natura tiegħu bħall-misteru tat-Trinità Qaddisa.

Il-Bibbja tagħmel bħall-bniedem. Biex tgħarrfu u tfiehmu, timmaterjalizza l-figura ta' Alla u l-atti tiegħu. Alla huwa sultan (Eż 15,18), gwerrier (Eż 15,3), setgħan (Ġen 49,24), missier (Dt 32,6; l-isem ta' Elijab ifisser li Alla huwa missier, Num 1,9), ħu l-isem ta' Ġowaħ ifisser li Jaħweh huwa ħu, 2 Slat 18,18), ziju (l-isem ta' Eligħam ifisser li Alla huwa ziju, 2 Sam 11,3), qarib (Ġen 31,42.53), xiħ (Dan 7,9.13.22), sħaba (Eż 13,21; 40,38), duħħan (Ġen 15,17); nar (Eż 13,21; 40,38). L-Ispirtu jidher bħala ħamiema (Mt 3,16), jew ilsien tan-nar (Atti 2,3). Alla jippassiġġa fil-ġnien ta' Eden (Ġen 3,8), jiekol ma' Abraham (Ġen 18,8), jagħdab ma' Mosè (Eż 4,14), jifraħ (Dt 28,63), jgħir (Eż 20,5), jisgħob bih (Ġen 6,6), jorqod fis-sakra (S 78,65. Il-kuntatt tiegħu mal-bniedem jiġi ppreżentat bħala dehra (Eż 3,2) li fiha jkun hemm djalogu (Eż 3,7-4,17) jew diskussjoni (Ħab 1,2-2,4). Lil Mosè Alla kellmu bil-ħoss (jew ragħad, Eż 19,19), lil Kristu bir-ragħad (Ġw 12,29).



L-ispirazzjoni tidher bħala sejħa esterna u kultant spettakolari. Lil Mosè Alla sejjaħlu minn ġewwa siġra taqbad mingħajr ma tinħaraq (Eż 3,1-6); Mosè aċċetta kontra qalbu. Isaija ra lil Alla mdawwar bis-serafini, mgeżwer fi lbies kotran, bilqiegħda fuq tron għoli fit-tempju mimli bid-duħħan (Is 6,1-4); huwa offra ruħu għall-missjoni. Pawlu ra lil Kristu f'dija kbira fit-triq ta' Damasku u kien megħlub bil-qawwa tas-sejħa (Atti 9,3-9).

Imma l-Bibbja tagħraf li Alla huwa esseri spiritwali u li l-kuntatt tiegħu mal-bniedem huwa intern. Alla ma jgħammarx f'dar mibnija (2 Sam 7,5-7), is-smewwiet ma jesgħuhx (1 Slat 8,27; Is 66,1; Ġer 23,24). Meta Alla tkellem f'Ħoreb minn ġewwa n-nar il-Lhud ma raw ebda xbieha tiegħu; għalhekk ma għandhom jagħmlu ebda sura ta' raġel jew mara, ta' bhima, tajra, serp jew ħuta (Dt 4,15-18). Alla kellimhom permezz ta' Mosè (Eż 20,19); huma għamlu sura ta' għoġol biex iżommu l-kuntatt miegħu meta Mosè ħalliehom biex jitla' fuq il-muntanja (Eż 32,1). Alla li ma jitħassarx, ma jistax ikollu sura ta' bniedem li jitħassar, ta' tjur, bhejjem jew sriep (Rum 1,23). Hekk ukoll Alla ma għandux fomm jew ilsien jew leħen biex jitħadded bħall-bniedem. Huwa jkellem lill-bniedem spiritwalment, internament. L-ispiritwalità tal-kelma ta' Alla tidher fil-ħolm li huwa mezz l-iktar komuni ta' komunikazzjoni bejn Alla u l-bniedem. Imma l-isbaħ espressjoni biblika tal-kelma spiritwali ta' Alla hija t-tpespisa ħafifa. Elija mar jiltaqa' ma' Alla fuq il-muntanja Ħoreb: ġie riħ qawwi li jofroq il-blat, imma Alla ma kienx fir-riħ; għamlet theżżiża ta' l-art, u Alla ma kienx fit-theżżiża; deher in-nar, u Alla ma kienx fin-nar; wara n-nar tpespisa ħafifa u Elija għaraf lil Alla (1 Slat 19,1-13). Għalhekk ħafna drabi r-rakkonti ta' dehriet ta' Alla u taħdidiet tal-bniedem miegħu ma humiex ħlief deskrizzjoni esterna ta' fenomeni interni. Il-mistiċi nsara jgħidu li jaraw u jisimgħu lil Alla bl-għajnejn u widnejn tar-ruħ. Rublëv itaffi l-antropoformiżmu tat-Trinità Qaddisa billi jpinġi t-tliet persuni bħala anġli. Il-film ta' Zeffirelli jippreżenta t-tħabbira ta' l-anġlu lil Marija bħala raġġ ta' dawl.

Il-kelma spiritwali ta' Alla waħidha ma tingħarafx faċilment. S. Tumas ta' Akwinu jgħid li l-profeti mhux dejjem jistgħu jagħżlu tajjeb bejn dak li jiġi mill-ispirazzjoni ta' Alla u dak li joħroġ mill-ispiritu propju; meta jitqarrqu Alla jikkorreġihom (*Summa Theologiae* II-II,171,5). Il-profeta Natan ħaseb li kellu l-kelma ta' Alla meta qal lil Dadvid jibni t-tempju, imma ma kellux (2 Sam 7,3); Alla deherlu bil-lejl u bagħtu jgħid lil David biex it-tempju ma jibnihx (2 Sam 7,4-17). Il-qassis il-kbir Kajfa, mingħajar ma kien jaf, kellu l-kelma ta' Alla meta ppropona li Kristu jiġi ssagrifikat għall-ġens kollu (Ġw 11,50.51).

Biex jiffaċilita l-għarfa u l-aċċettazzjoni ta' l-ispirazzjoni spiritwali, Alla kultant jinqeda b'xi element materjali li l-bniedem jista' jara, jisma' u jħoss bis-sensi

esterni. Dan l-element materjali jista' jkun ħaġa li diġà teżiżti. Alla bagħat lil Ġeremija għand il-fuħħari. Waqt li l-profeta kien qiegħed jara l-fuħħari jagħmel il-kwies kollha li jrid u kif irid bl-istess tafal, it-tnebbiħ intern għarrfu li Alla, bħall-fuħħari, jista' jagħmel dak li jrid mill-bniedem. L-element materjali jista' jkun xi ħaġa maħluqa apposta minn Alla. Waqt il-pranzu ta' Beltassar dehret id tikteb fuq il-ħajt li rawħa s-sultan u l-qaddejja tiegħu kollha; it tnebbiħ intern ġie biss għand Danjel li għaraf il-messaġġ ta' Alla (Dan 5,1-28). Jista' jkun alluċinazzjoni profetika li sseħħ meta s-sensi esterni jkollhom is-sensazzjoni tagħhom mingħajr oġġett estern. Dan kien probabilment il-każ ta' Danjel li, flimkien ma' l-ispirazzjoni interna, ra b'għajnejh raġel liebes l-għażel meta ħadd ieħor ma rah għaliex ma kienx hemm oġġett viżibbli (Dan 10,5-8). Dan seta' kien il-każ ta' Pawlu meta, fit-triq ta' Damasku, irċieva l-messaġġ ta' Alla u ra b'għajnejh dawl hekk qawwi li għama, waqt li sħabu ma raw xejn (Atti 9,3-8; deskrizzjoni differenti f'Atti 22,9).

Kultant Alla jżid ukoll xi miraklu estern bħala konferma ta' l-ispirazzjoni interna. Biex jikkonvinċi lill-poplu li verament kellu l-ispirazzjoni divina Mosè seta' jagħmel tliet mirakli: jitfa' fl-art il-bastun li jitbiddel f'serp; idaħħal idu ġewwa ħobbu li timtela bil-ġdiem; ixerred l-ilma tax-xmara li jitbiddel f'demm (Eż 4,1-9). Mosè pprova l-ewwel miraklu quddiem il-Fargħun: biddel il-bastun f'serp. Is-saħħara tal-Fargħun għamlu l-istess ħaġa u s-serp ta' Mosè bela s-sriep tas-saħħara, imma l-Fargħun webbes qalbu (Eż 7,8-13). Biex jikkonvinċi lil Ħezekija li Isaija kien ispirat meta wiegħdu l-fejqan u ħmistax-il sena oħra ta' ħajja, Alla mexxa lura b'għaxar gradi d-dell tax-xemx (2 Slat 20,8-11). Din id-darba l-fejqan sar u Ħezekija emmen.

L-element intern waħdu biżżejjed għall-ispirazzjoni. L-element estern waħdu mhux biżżejjed. Jekk wieħed jara lil Alla bl-għajnejn tal-ġisem biss, jew jisimgħu bil-widnejn tal-ġisem biss ma jkollux veru kuntatt ma' Alla. S. Tumas ta' Akwinu jtenni li fl-ispirazzjoni Alla jagħti dawl intern u kultant miegħu jżid għajnuniet li għandhom x'jaqsmu mas-sensi esterni jew ma' l-immaġinazzjoni, u jispjega li "dawn l-għajnuniet, mingħajr id-dawl intern, ma humiex biżżejjed għall-għarfa tal-ħwejjeġ divini, waqt li d-dawl intern mingħajrhom huwa biżżejjed" (*Summa contra gentiles*, III,154). Għalhekk, meta jikkummenta l-profezija ta' Kajfa dwar Kristu li kellu jmut għall-ġens kollu (Ġw 11,50), jgħid li Kajfa "ma kienx iktar profeta mill-ħmara ta' Balgħam" (*Super Evangelium S. Ioannis lectura, ad loc.*) għaliex l-Ispirtu messlu lsienu mingħajr ma tah dawl intern kif mess ilsien il-ħmara biex twieġeb lil Balgħam (Num 22,28). S. Girgor il-Kbir jifred id-dawl intern mis-sensazzjoni esterna meta jgħid li fid-dehra ta' Kristu lill-appostli flimkien (Ġw 20,26-29), Tumas "ra bniedem u stqarr 'l Alla" (*In Evangelia homilia 26*; *PL* 76,1202).

L-ispirazzjoni, barra li hija interna, spiritwali, hija wkoll intellettwali, tappartjeni għall-intellett, għaliex "l-ewwel u prinċipalment tikkonsisti fl-għarfa" (S. Tumas ta' Akwinu, *Summa Theologiae*, II-II,171,1). Kull ma jagħmel il-bniedem bħala bniedem, joħroġ mill-intellett li jmexxi l-volontà u permezz tal-volontà l-fakultajiet l-oħra kollha. B'dan il-mod il-bniedem ikun liberu f'kull ma jagħmel. Biex bniedem imexxi lil bniedem ieħor bi kmand, theġġiġ jew talb mingħajr ma jneħħilu l-libertà, jibda wkoll mill-intellett, billi jippreżentalu dak li għandu jagħmel u huwa jagħżel liberament. Jista' wkoll jisfurzah bi vjolenza fisika fil-fakultajiet esterni (jaqbdu minn idejh u jġagħlu jagħmel xi ħaġa) jew vjolenza morali fil-volontà (bil-biża', għajja, kesħa, sħana, alkol, droga u kull xorta ta' ħasil tal-moħħ), imma f'dan il-każ ineħħi l-libertà umana. Fl-ispirazzjoni Alla ma jneħħix il-libertà umana għaliex imexxi l-bniedem b'mod uman. Għalhekk idawwal l-intellett u permezz ta' l-intellet imexxi l-volontà u l-fakultajiet l-oħra b'mod li l-bniedem jibqa' liberu. Ma jmexxix direttament il-fomm biex jitkellem jew l-id biex tikteb; lanqas jisforza l-volontà biex topera: L-użu tal-profezija [ispirazzjoni] jibqa' taħt is-setgħa tal-profeta [l-ispirat]; għalhekk jingħad f'1 Kor 14: l-ispirti tal-profeti jaqgħu taħt il-profeti" (S. Tumas ta' Akwinu, *Quaestiones disputatae de veritate*,12,4). Naturalment Alla jista' eċċezzjonalment jgħaddi 'l fuq mil-libertà umana, kif ġara fil-każ ta' Kajfa fejn Alla nqeda bill-fomm mingħajr ma dawwal il-moħħ (Ġw 11,50) u kif jiġri fl-estasi meta l-bniedem tant jikkonċentra fuq l-oġġett ta' l-ispirazzjoni li jitlef il-kapaċità ta' l-għażla: "l-estasi huwa ġegħil jekk wieħed iħares lejn il-mod li bih isir " (S. Tumas ta' Akwinu, *Summa Theologiae*, II-II,175,1, ad 1).



**Ispirazzjoni komprensiva**

L-aħjar deskrizzjoni ta' l-ispirazzjoni bħala qawwa divina li ssaħħaħ il-bniedem taha Ljun XIII fl-enċiklika *Providentissimus Deus*: "Alla, b'qawwa soprannaturali, hekk qanqal u mexxa l- kittieba biex jiktbu, hekk għenhom waqt il-kitba, li dak kollu u dak biss li huwa ried, fehmuh tajjeb, riedu jiktbuh bir-reqqa u esprimew sewwa b'verità infallibbli" (*EB*,125).

L-oġġett ta' l-awtur ispirat, u għalhekk tal-Bibbja jista' jkun kollox. Alla, b'att wieħed kontinwu, jara kollox. Għalih ma hemmx differenza bejn soprannaturali u naturali, intern u estern, moħbi u magħruf, preżent, imgħoddi u ġejjieni. Hekk ukoll il-bniedem ispirat bil-qawwa ta' Alla jista' jara, jgħid u jikteb kollox. Is-soprannaturali (il-misteru tal-ħolqien, Ġen 1,1; tat-Trinità Qaddisa, Mt 28,19; ta' l-inkarnazzjoni, Ġw 1,14; tal-fidwa, Rum 5,6) u n-naturali (it-tnissil tal-bhejjem, Ġen 30,37-43; temp sabiħ jew ikraħ, Mt 16,1-3). L-intern (l-għira ta' Sawl,1 Sam 18,9; u l-pjan ta' Erodi, Mt 2,13) u l-estern (l-istorja tal-poplu ta' Alla, il-mirakli ta' Kristu). Il-moħbi (il-pjan ta' Alla fl-istorja tal-jasar ta' l-Eġittu, Ġen 15,12-16; 50,20; u tal-passjoni ta' Kristu (Mt 16,21-23; Ġw 18,11) u l-magħruf (il-missjoni ta' Samwel, 3,20; il-fama ta' Kristu (Mt 4,24). Il-preżent (is-sehem ta' Isaija fl-invażjoni ta' Sanħerib, Is 37,1-7; il-firdiet fil-Knisja ta' Korintu,1 Kor 1,10-16), l-imgħoddi (il-ġrajjiet primordjali, Gen 1-11; it-twelid ta' Kristu, Mt 1-2; Lq 1-2) u l-ġejjieni (il-wegħda tal-Messija, Is 7,14; Mik 5,2; it-tieni miġja ta' Kristu, Mt 24,27; u l-aħħar ħaqq, Mt 25,31-46). S. Pawl jikteb fuq ħwejjeġ personali: ix-xewqa li jmur Spanja (Rum 15,24), il-mantar li ħalla Troas (2 Tim 4,13), id-dieta ta' Timotju (1 Tim 5,23), id-dejn ta' Filemon (Film 19).

L-ispirazzjoni biblika tilħaq kull ħaġa li jagħmel il-kittieb ispirat. Meta kittieb li mhux ispirat minn Alla jikteb xi ħaġa bil-qawwa ta' l-intellett tiegħu biss, kull ma jikteb, imqar l-istil u l-punteġġjatura, joħroġ mill-intellett tiegħu. Hekk ukoll

meta l-kittieba ispirati kitbu l-kotba mqaddsa kull ma għamlu, imqar il-forma letterarja, il-punteġġjatura (li kieku kienet diġà teżiżti) jew il-vokabularju, hareġ mill-ispirazzjoni divina, mhux għaliex Alla ddettalhom dawn l-irqaqat, imma għaliex kitbuhom taħt t-tmexxija ta' l-intellett tagħhom imsaħħaħ bl-ispirazzjoni divina. Għalhekk it-tradizzjoni Lhudija u nisranija tgħodd lil Alla awtur ta' kull ma jinsab fil-Bibbja. Skond Filo ta' Lixandra l-bniedem ispirat ma jagħti xejn minn tiegħu: "jagħmel orakli u profeziji, mingħajr ma jgħid xejn minn tiegħu; l-estatiku jew ispirat lanqas jifhem dak li jgħid, u jgħid biss dak li jiġi ispirat minn ħaddieħor (*Quis rerum divinarum haeres*,52). S. Girolmu jgħid; "kull kelma, sillaba, punta jew tikka fl-Iskrittura hija mimlija b'tifsiriet, għaliex intqalet mill-Ispirtu s- Santu" (*Commentarium in Epistolam ad Ephesios 3,6, PL* 26,481).

Din id-deskrizzjoni kważi materjali ta' l-ispirazzjoni bħala dettazzjoni għoġbot lill-antiki li kienu jħarsu prinċipalment lejn l-element divin tal-Bibbja. Ma togħġobx iżjed lill-moderni li jħarsu wkoll lejn l-element uman, għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett l-istess Bibbja tagħraf il-kontribut uman tal-kittieba, kemm fl-inizjativa kemm fix-xogħol tal-kitba. Il-Prologu tal-Ktieb ta' Bin Sirak isemmi l-inizjativa ta' l-awtur ispirat li ried jaqsam ma' ħaddieħor l-għerf li kiseb bl-istudju (Sir Prol 7-14); l-awtur ta' 2 Mak iddeċieda li jagħmel taqsira tal-ħames kotba ta' Ġason iċ-Ċirinew biex itaffi d-dbatija ta' min jaqra (2 Mak 2,25); u Luqa deherlu li kellu jikteb l-Evanġelju biex Teofilu jkun jista jagħraf is-sewwa fost tant rakkonti tal-ħajja ta' Kristu (Lq 1,1-4). Min għamel it-test Grieg (ispirat) tal-Ktieb ta' Bin Sirak isemmi l-ħeġġa u s-sahriet tiegħu biex joħroġ il-ktieb (Sir Prol 30-33); l-awtur ta' 2 Mak jistqarr it-toqol tax-xogħol (2 Mak 2,26-31) u jgħid li jekk ir-riżultat ħareġ kajman, huwa għamel dak li seta' (2 Mak 15,38); Luqa kellu jagħmel tfittix personali biex jikteb il-vanġelu (Lq 1,3). It-tieni, ħafna ħwejjeġ imniżżla fil-Bibbja kienu miktubin minn qabel jew magħrufin lill-kittieba ispirati. Mattew u Ġwanni kitbu l-Evanġelji mill-esperjenza personali tagħhom. Ir-rakkont tad-dilluvju kien ilu miktub f'ħafna letteraturi u speċjalment fid-dokumenti tal-Mesopotamja (*ANET*, pp. 2-44); l-istorja ta' Ġob bħala ġust imġarrab kienet magħrufa kullimkien (*ANET*, pp.434-437); it-tielet ġabra tal-Ktieb tal-Proverbi (Prov 22,17-24,22) taqbel ħafna mat-tagħlim Eġizzjan ta' Amen-em-ope (*ANET*, pp.421-424). Il-ġrajjiet tas-slaten kienu diġà miktuba fi *Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael* (1 Slat 14,19), *Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda* (1 Slat 14,29) u *Ktieb is-Slaten ta' Iżrael u Ġuda* (2 Kron 27,7). Barra minn hekk, ma hemmx għalfejn ta' tnebbiħ speċjali biex wieħed ikun jaf li tifel għaqli jferraħ lil missieru (Prov 10,1) u li ftit nbid jagħmel tajjeb għall-istonku (1 Tim 5,23).

## Rivelazzjoni u ispirazzjoni

L-aħjar soluzzjoni għall-kwistjoni ta' l-element uman hija d-distinzjoni bejn ir-rivelazzjoni u l-ispirazzjoni. Ir-rivelazzjoni hija kixfa ta' xi ħaġa mhix magħrufa; l-ispirazzjoni biblika hija tqanqila għall-kitba b'qawwa divina. Fil-Bibbja kollox ispirat, imma mhux kollox rivelat, għaliex ħafna ħwejjeġ li nkitbu bl-ispirazzjoni kienu diġà magħrufa mill-kittieba ispirati.



Kultant ikun hemm rivelazzjoni biss mingħajr ispirazzjoni biblika jew tqanqila għall-kitba: Adam u Eva kellhom messaġġ minn Alla dwar il-ġejjieni tagħhom u tal-ġens uman, imma ma kitbu xejn; ma kitbux Noè, Abraham u tant oħrajn li kellhom il-kelma ta' Alla.

Ħafna drabi ikun hemm l-ispirazzjoni biss, jiġifieri tqanqila għall-kitba mingħajr ir-rivelazzjoni ta' l-oġġett jew il-metodu tal-kitba: lil Mosè Alla qallu jikteb deskrizzjoni tal-battalja ma' Għamalek li hu kien ra personalment, Eż 17,14; lil Geremija qallu jikteb l-orakli li kien diġà xandar bil-kelma, Ġer 36,2. F'dan il-każ il-kittieb sagru, imqanqal mill-ispirazzjoni jikseb, bil-ħila u t-tfittix personali tiegħu, l-oġġett li għandu jikteb (jekk ma jkunx jafu diġà), jiddeċiedi li jiktbu u effettivament jiktbu bil-vokabularju u l-istil letterarju tiegħu. F'din l-attività kollha l-awtur jagħmel użu tal-fakultajiet umani u għalhekk il-prodott tiegħu (il-kotba mqaddsa) juri l-personalità, il-kapaċità u d-dgħjufija ta' kull kittieb. U billi l-attività kollha jagħmilha taħt l-ispirazzjoni, kull ma jagħmel ikun għamlu Alla wkoll, u l-prodott huwa divin: il-kitba tiegħu hija kitba ta' Alla.

Kultant ir-rivelazzjoni u l-ispirazzjoni jmorru flimkien: Pawlu kellu messaġġ divin u tqanqila mill-Ispirtu biex jiktbu (1 Kor 11,23). F'dan il-każ ukoll l-awtur sagru jeżerċita l-fakultajiet tiegħu. Immexxi mill-ispirazzjoni biblika, jiddeċiedi li jikteb dak li Alla jkun urieh u effettivament jiktbu skond il-kapaċità tiegħu. Għalhekk ir-riżultat huwa wkoll divin u uman, huwa l-kelma ta' Alla b'libsa letterarja umana. Naturalment Alla jista' wkoll jiddetta l-kliem u l-mod tal-kitba. Hekk għamel meta qal lil Isaija jikteb b'ittri komuni *maħer-salal-ħas-baż* (Is 8,1). Imma dan huwa każ rari.

L-ispirazzjoni qiegħda fl-awtur tal-kitba mqaddsa. L-iskriba li materjalment jikteb taħt it-tmexxija ta' l-awtur ma għandux għalfejn ikun ispirat: dan kien probabilment il-każ ta' Baruk li kiteb minn fomm Ġeremija, jiġifieri fuq dettazzjoni tiegħu (Ger 36,32). Kultant l-iskriba mhux sempliċi stenografu imma jikkollabora ma' l-awtur fil-kompożizzjoni, kif għamel probabilment Terzju li kiteb l-Ittra ta' Pawlu lir-Rumani u żied it-tislija tiegħu (Rum 16,22). F'dan il-każ l-spirazzjoni tilħaq ukoll lill-iskriba, kif tilħaq lil min issokta jaġġorna l-kotba mqaddsa bħal dak li żied il-kap 21 fl-Evanġelju ta' Ġwanni.

## Kriterju ta' l-ispirazzjoni

Bħala ħaġa interna, l-ispirazzjoni ma tidhirx fl-għajnejn, ma tinstemax bil-widnejn, ma tinħasx bl-idejn. Bħala ħaġa soprannaturali ma tingħarafx bi kriterji umani.Tingħaraf biss bir-rivelazzjoni divina. Imma Alla ma għamilx dikjarazzjoni ċara dwar l-ispirazzjoni fl-istess Bibbja. Ħalla f'idejn il-Knisja l-jedd u d-dmir li tagħżel, tħares u xxandar il-kelma tiegħu. Fl-assenza ta' dikjarazzjoni ċara l-poplu kien perpless (Dt 18,21) u kultant tqarraq. Fi żmien Ġeremija l-poplu tqarraq mill-profeta Ħananija li xandar it-tmiem ta' l-eżilju tal-Babilonja mingħajr ma kellu l-kelma ta' Alla (Ġer 28,15); fi żmien Pawlu t-Tessalonikin tqarrqu b'ittri miktuba taħt ismu imma mhux minnu (2 Tess 2,2). Il-Knisja damet ma għamlet dikjarazzjoni uffiċjali. It-tradizzjoni nisranija ewlenija mxiet bil-kriterju popolari ta' l-apostoliċità.

Meta bdew jinqalgħu dubji dwar id-duttrina u l-ħajja nisranija, it-tradizzjoni ħarset lejn l-appostli bħala garanti ta' l-Evanġelju. S. Irinew ikkombatta l-ereżiji billi wera li ma kellhomx fundament fid-duttrina ta' l-appostli (*Adversus haereses*,3,4; *PG* 7,855-857). It-tradizzjoni aċċettat bħala kotba mqaddsa dawk li nkitbu mill-appostli jew li kellhom id-duttrina tagħhom (Mark kellu d-duttrina ta' Pietru; Luqa kellu dik ta' Pawlu), kif il-Lhud tat-T.Q. aċċettaw il-kotba li ħarġu f'isem il-profeti. Matul iż-żmien il-Knisja bdiet tagħmel dikjarazzjonijiet uffiċjali, u l-kwistjoni ta' l-ispirazzjoni ċċarat ruħha.

## Il-verità tal-Bibbja

Il-Bibbja fiha l-verità u xejn ħlief il-verità, billi hija l-kelma u l-kitba ta' Alla. It-tradizzjoni Lhudija u nisranija dejjem fettxet u għożżot din il-verità.

It-tradizzjoni Lhudija kienet issib din il-verità billi tapplika t-testi tat-T.Q. għall-istorja tagħha, sew bħala twettiq sew bħala wegħda. Fi żmien is-saltna, fehmet l-oraklu ta' Natan lil David (2 Sam 7,5-17) bħala kontinwazzjoni tad-dinastija ta' David; meta nqerdet is-saltna fehmitu bħala wegħda ta' restawrazzjoni tas-saltna. Fi żmien il-profeti, fehmet il-kliem ta' Mosè dwar il-profeta li Alla kellu jagħżilhom minn fosthom (Dt 18,15) bħala twiddiba biex ma jimxux wara l-profeti tal-ġnus l-oħra; meta waqfu l-profeti fehmitu bħala wegħda ta' profeta messjaniku li għandu jiġi fil-ġejjieni. Fi żmien il-qassis il-kbir Xmun II bin Onija, applikat għall-familja tiegħu (Sir 50,24; test Lhudi) il-patt saċerdotali ta' Fineħas (Num 25,10-13); meta l-familja ta' Xmun tilfet is-saċerdozju l-kbir, ħalliet barra r-riferenza għall-patt u daħħlet talba ġenerali ta' ħniena, fedeltà u fidwa għall-poplu (Sir 50,24; test Grieg tas-Septwaginta).

It-tradizzjoni nisranija sabet il-verità tal-Bibbja fil-persuna u l-għemil ta' Kristu, il-Messija mħabbar mill-profeti. Kristu qal li Mosè kiteb dwaru (Ġw 5,46); l-Iskritturi jixhdu għalih (Ġw 5,39); Abraham ra l-jum tiegħu u feraħ (Ġw 8,56); Isaija ra l-glorja tiegħu u tkellem fuqu (Ġw 12,41). Id-dixxipli ta' Kristu sabu tifsira Kristologika fil-Bibbja kollha. Alla ta nisel kbir lil Abraham (Ġeb 15,5; 22,17; Is 48,19); lilu u lil nislu tagħhom il-wegħdiet tas-salvazzjoni li seħħew fi Kristu, il-veru nisel ta' Abraham (Gal 3,16). Alla wiegħed l-art lil Abraham u nislu (Ġen 12,7; 13,15; 15,18; 17,8; 26,3) u permezz ta' Ġożwè daħħal fiha l-poplu tiegħu wara li ħarġu mill-jasar ta' l-Eġittu (Ġoż 1,6); il-wegħda seħħet għal kollox meta l-familja ta' Kristu ħarġet mill-Eġittu u marret lura lejn l-art imwiegħda (Mt 2,15). Permezz ta' Natan Alla wiegħed is-saltna lin-nisel ta' David (2 Sam 7,12); l-anġlu qal lil Marija li Alla jagħti din is-saltna lil Kristu (Lq 1,32), iben David (Mt 9,27), u Kristu stess stqarr is-saltna tiegħu (Ġw 18,36). Permezz ta' Mosè Alla wiegħed lil-Lhud li jibagħtilhom profeta minn fosthom (Dt 18,15); Kristu stqarr li hu profeta Mt 13,57; Lq 13,33; Ġw 4,44), il-poplu għarfu bi profeta kbir (Lq 7,16) u stqarru bħala l-profeta mwiegħed (Ġw 6,14; 7,40), Pietru (Atti 3,22.23) u Stiefnu (Atti 7,37) japplikaw għalih it-test ta' Dt 18,15. Is-sultan ta' Ġerusalemm u nieġħu s-sultan imwiegħed Messija kellu jkun qassis skond l-ordni ta' Melkisedek (S 110,4); dan hu Kristu: is-saċerdozju tiegħu aqwa minn dak tal-qassisin tat-tempju ta' Ġerusalemm, għaliex skond l-ordni ta' Melkisedek (Lhud 5,6; 6,20). L-ewwel xandir ta' Pietru kien li n-niżla ta' l-Ispirtu s-Santu f'Għid il-Ħamsin (Atti 2,14-21) wettqet il-wegħda ta' Ġoel dwar l-inżul ta' l-Ispirtu fuq kulħadd (Ġoel 3,1-5) u li l-qawmien ta' Kristu (Atti 2,22-35) wettaq il-wegħda tas-Salmista dwar il-Messija li kellu joqgħod fuq il-lemin tal-Mulej (S 110,1). L-ewwel xandir ta' Pawlu kien li Ġesù huwa l-Messija mħabbar mill-profeti (Atti 9,20-22).



B'mod partikulari l-Evanġelju ta' S. Mattew jimxi pass pass mal-ħajja ta' Kristu biex juri li kull ġrajja tagħha twettaq xi oraklu tal-profeti: it-twelid minn verġni (Mt 1,23) iwettaq il-kliem ta' Isaija dwar il-verġni li tnissel u tiled (Is 7,14); it-twelid f'Betlehem (Mt 2,6) iwettaq il-kliem ta' Mikea dwar il-kobor ta' din il-belt li minnha kellu joħroġ il-mexxej ta' Israel (Mik 5,1); ir-ritorn tal-familja ta' Kristu mill-Eġittu (Mt 2,15) iwettaq il-kliem ta' Ħosegħa dwar il-ħarġa tal-Lhud imjassrin fl-Eġittu (Ħos 11,1); il-qatla tat-tfal minn Erodi (Mt 2,18) twettaq il-kliem ta' Ġeremija dwar Rakel li tibki 'l uliedha f'Rama minħabba l-qerda tas-saltna ta' Israel minn Sargon II, sultan ta' l-Assirja (Ġer 31,15); il-ħajja ta' Kristu f'Nazaret (Mt 2,23) twettaq il-kliem tal-profeti, fosthom dawk ta' Ktieb l-Imħallfin dwar Sansun li kellu jkun nażir (Imħ 13,5.7); ix-xandir ta' l-Għammied fid-deżert (Mt 3,3) iwettaq il-kliem ta' Isaija dwar it-triq li għandha tinbena fid-deżert biex il-poplu meħlus mill-eżilju ta' Babilonja jmur lura lejn l-art imwiegħda (Is 40,3).

## Verità u inerranza

Il-Bibbja mhux biss għandha l-verità li hija Kristu stess, imma għandha wkoll il-veraċità, jiġifieri xxandar il-verità tagħha bil-verità, bl-inerranza, mingħajr qerq. Għal ħafna żmien il-veraċità tal-Bibbja ma kinitx toħloq problema. Il-Lhud u l-insara warajhom kienu konvinti li l-Bibbja għandha l-veraċità tal-kelma ta' Alla, jiġifieri veraċità assoluta, inerranza assoluta. S. Wistin kien tant konvint mill-veraċità tal-Bibbja, li meta kien jiltaqa' ma' xi test li ma jdoqqlux kien jaħseb li jew il-kodiċi tiegħu kien difettuż, jew il-verżjoni li kellu ma taqbilx ma' l-oriġinal, jew li huwa stess mhux jifhem it-test (*Epistola 82*,1,3; *PL* 33,277). Bl-istess mod tkellmu S. Ġustinu (*Dialogus cum Tryphone Judaeo*,65; *PG* 6,625), S. Bażilju (*De fide*,1; *PG* 31,680), u S. Ġirolmu (*Epistola 57 ad Pammachium*,9,1; *PL* 22,575; *Epistola 82 ad Theophilum*,7,2; *PL* 22,740). S. Tumas ta' Akwinu kien kategoriku f'din il-ħaġa: "jeħtieġ li jinżamm li kull ma hemm fl-Iskrittura Mqaddsa huwa veru; min jifhimha kontra dan huwa eretiku" (*Quodlibetum 12, q.17, a.26, ad 1*; ara wkoll *Summa Theologiae*, I,10,ad 3; I,68,1; II-II,171,6; *Quaestiones disputatae de potentia*,4,1).

Il-progress tax-xjenzi, speċjalment naturali bħall-kożmoloġija u l-bijoloġija, jew pożittivi bħall-istorja u l-arkeoloġija, qala' l-problema ta' l-inerranza għaliex dawn ix-xjenzi bdew juru li l-kultura ta' l-antiki li tidher kullimkien fil-Bibbja kienet għadha dgħajfa ħafna u bdew jistaqsu kif din id-dgħjufija tista' ssib post fil-kelma ta' Alla li ma titqarraqx u ma tqarraqx.

Ix-xjenza tgħid li d-dinja hija biċċa żgħira mill-ħolqien, għandha sura tonda; u ddur max-xemx; l-antiki kienu jaħsbu li d-dinja tiġbor l-univers kollu, għandha forma ta' platt li jgħum f'wiċċ l-ilmijiet ta' taħt, fuqu għandu s-sema bħal skutella maqluba li żżomm l-ilmijiet ta' fuq biex ma jaqgħux ħlief meta jinfetħu t-twieqi

tas-sema biex tagħmel ix-xita (Ġen 7,11); ix-xemx iddur ma' din id-dinja (Ġoż 10,12.13; Is 38,8), minn fuq binhar u minn taħt bil-lejl. Ix-xmajjar huma mqassmin f'diversi pajjiżi, kull waħda bl-għejun tagħha, skond il-ġeografija moderna waqt li fid-deskrizzjoni biblika l-ilmijiet kollha tad-dinja jibdew b'għajn ewlenija f'nofs il-ġenna ta' l-art u permezz ta' erba' xmajjar prinċipali jixterdu mal-pajjiżi kollha (Ġen 2,10-14). Il-libru u l-fenek ma jixtarrux skond il-klassifikazzjoni xjentifika tal-bhejjem, imma jixtarru skond il-klassifikazzjoni biblika (Lev 11,6; Dt 14,7).

L-istorja tgħid li Nabukodonosor kien sultan tal-Babilonja u hekk jidher fil-Ktieb tas-Slaten (2 Slat 24,1.10), Kronaki (1 Kron 36,6), Esdra (Esd 2,1), Neħemija (Neħ 7,6), Ester (Est 2,6), Ġeremija (Ġer 21,2), Baruk (1,9) u Eżekjel (Eżek 26,7), imma fil-Ktieb ta' Ġuditta jidher bħala sultan ta' l-Assirja (Ġdt 1,1.7.11; 2,1.4). Fil-klassifikazzjoni lingwistika tal-popli, l-Għarab u l-Kangħanin huma Semiti u l-Elamin ma humiex waqt li fit-tqassim bibliku tal-popli wara d-dilluvju (Ġen 10,1-32), is-Semiti jokkupaw il-faxxa ċentrali tal-lvant nofsani, b'mod li l-Elamin huma Semiti; l-Għarab ma humiex għaliex jgħixu fin-naħa ta' isfel u l-Kangħanin ma humiex għaliex imqabbdin ma' l-Eġittu. Fil-Ktieb tal-Ġenesi Abraham xtara, mingħand ulied Het ġewwa Hebron fin-naħa ta' isfel tal-Palestina, għalqa b'għar fiha (Ġen 23,3-18) fejn difen lil martu Sara (Ġen 23,19) u fejn indifen hu wkoll (Ġen 25,7-10); Ġakobb xtara, mingħand ulied Hamor ġewwa Sikem fiċ-ċentru tal-Palestina, l-għalqa fejn kien waqqaf il-kamp hu u ġej lura mill-Mesopotamja (Ġen 33,18-20). Fil-Ktieb ta' l-Atti Stiefnu ħallat flimkien iż-żewġ rakkonti meta qal li Ġakobb u t-tnax-il patrijarka wliedu ndifnu fil-qabar li Abraham kien xtara mingħand ulied Hamor ġewwa Sikem (Atti 7,16).

Minkejja dawn id-diffikultajiet, il-Konkordisti tas-seklu li għadda baqgħu jisforzaw biex iqabblu l-fehmiet tal-Bibbja mar-riżultati tax-xjenzi. Awturi oħrajn, minħabba l-istess diffikultajiet bdew b'xi mod jillimitaw l-inerranza biblika għaliex ħarsu lejn il-Bibbja bħala ktieb xjentifiku u sabuh nieqes. Il-Knisja ma żammet la mal-Konkordisti u lanqas ma' dawk li llimitaw l-inerranza. Kontra l-Konkordisti, il-Kummissjoni Biblika Pontifiċja fir-*Responsum VI* tat-30/6/1909 qalet li ma għandniex infittxu l-espressjoni xjentifika fid-deskrizzjoni tal-ħolqien (D 2127). Kontra dawk li ammettew xi limiti ta' l-inerranza l-Knisja ħarġet sensiela ta' dokumenti li jistqarru l-inerranza assoluta tal-Bibbja. Il-Kunċilju tal-Vatikan I qal li l-kotba mqaddsa fihom ir-rivelazzjoni mingħajr żball (*Kostituzzjoni dommatika dwar il-fidi kattolika*; D 1787). Ljun XIII żied li l-ispirazzjoni mhux biss teskludi kull żball fil-kotba mqaddsa, imma teskludiha daqs kemm in-natura divina teskludih f'Alla (enċiklika *Providentissimus Deus*; D 1951). Dikjarazzjonijiet simili għamluhom il-Kongregazzjoni ta' l-Inkiżizzjoni Universali (digriet *Lamentabili*,11; D 2011), Benedittu XV (enċiklika *Spiritus paraclitus*; D 2186), il-Kongregazzjoni tas-S. Uffizzju (*Ittra lis-Superjur Ġenerali tas-Sulpiċjani*; *EB*,499), u Piju XII (enċiklika *Divino afflante Spiritu*; *EB*,539). Il-Kummissjoni Biblika Pontifiċja daħħlet il-kelma inerranza u semmietha bħala domma flimkien ma' l-ispirazzjoni: *dogmate item catholico de inspiratione et inerrantia* (*Responsum XIV*; *EB*,420). Il-Kunċilju tal-Vatikan II warrab il-kelma inerranza li kienet tinsab f'wieħed mit-titli ta' l-ewwel tliet skemi dwar l-Iskrittura Mqaddsa u bi kliem li jixxiebah ma' dak



tal-Kunċilju Vatikan II jgħid li l-kotba ta' l-Iskrittura jgħallmu l-verità mingħajr żball (*Dei Verbum*,11).

Biex nifhmu tajjeb il-kelma inerranti ta' Alla fost tant diffikultajiet, il-Knisja turina żewġ prinċipji li minn dejjem kienu fit-tradizzjoni nisranija, jiġifieri l-intenzjoni ta' Alla (bil-kotba mqaddsa Alla ried jippreparara l-poplu tiegħu għas-salvazzjoni li toħroġ mill-misteru ta' Kristu) u l-gradwalità tar-rivelazzjoni (il-preparazzjoni tal-poplu saret bil-mod u għal tul ta' żmien).

**L-intenzjoni ta' Alla**

S. Wistin għamel użu minn dan il-prinċipju biex jispjega kif id-deskrizzjoni biblika tal-ħolqien ma tgħallimniex il-kożmogonija: jgħid li l-kittieba mqaddsa kienu jafu l-verità kożmoloġika imma ma qaluhiex għax ma kinitx utli għas-salvazzjoni, u li Kristu ried jagħmel nies insara mhux xjenzjati, "l-awturi tagħna kienu jafu l-verità dwar is-sura tas-sema; imma l-Ispirtu ta' Alla li bihom kien jitkellem ma riedx jgħallem lill-bnedmin dak li mhux utli ghas-salvazzjoni" (*De Genesi ad litteram*,9,20; *PL* 34,270); "mhemmx fl-Evanġelju li l-Mulej qal, 'Nibagħtilkom il-Paraklitu biex jgħallimkom il-ġiri tax-xemx u l-qamar'; ried jagħmel insara mhux xjenzjati; biżżejjed għan-nies li jkunu jafu għall-bżonnijiet tagħhom dak li tgħallmu fl-iskola dwar dawn il-ħwejjeġ" (*De actis cum Felice Manichaeo*,9; *PL* 42,525).

S. Tumas ta' Akwinu wkoll jgħid li l-ispirazzjoni biblika hija ghas-salvazzjoni, "id-don tal-profezija [ispirazzjoni] jingħata għall-utilità tal-Knisja kif jidher minn *1 ad Cor XII*; għalhekk il-ħwejjeġ kollha li l-għarfa tagħhom tista' tkun utli għas-salvazzjoni, huma l-materja tal-profezija" (*Quaestiones disputatae de veritate*,12,2; ara wkoll *Summa Theologiae*, II-II,171,4 ad 1). U jiċċita lil S. Wistin fiż-żewġ testi msemmija biex flimkien miegħu jeskludi mill-ispirazzjoni t-tagħrif dwar is-sura tas-sema.

Il-Kunċilju tal-Vatikan II jikkonferma d-duttrina ta' S. Wistin u ta' S. Tumas ta' Akwinu meta jgħid li l-kotba ta' l-Iskrittura jgħallmu l-verità li Alla riedha tinkiteb għas-salvazzjoni tagħna, *nostrae salutis causa* (*Dei Verbum*,11).

L-intenzjoni ta' Alla, għalkemm fil-każ konkret tal-kożmogonija teskludi t-tagħrif dwar is-sura tas-sema, għandha xtaqsam ma' l-iskop ta' l-oġġett ta' l-ispirazzjoni, mhux mal-limiti tiegħu. Waħidha ma teskludi ebda duttrina jew tagħrif, għaliex kull duttrina jew tagħrif tista' tkun neċessarja jew utli għas-salvazzjoni. S. Tumas ta' Akwinu biex jispjega l-oġġett ta' l-ispirazzjoni jibda billi jsemmi t-tagħlim tal-fidi u l-edukazzjoni tal-kostumi, u mbagħad iżid li għal dan it-tagħlim u edukazzjoni huwa utli t-tagħrif tax-xjenzi. Bħala eżempju jagħti l-inkorruttibilità ta' l-intellett u kull ħaġa li tista' tqanqal l-ammirazzjoni ta' l-għerf u l-qawwa ta' Alla, jiġifieri kull ħaġa sabiħa u kbira (*Quaestiones disputatae de veritate*,12,2). Lil min jobjetta li Alla ma jagħmilx ħwejjeġ inutli għalhekk ma jagħtix tagħrif li l-bniedem jista' jikseb bix-xjenza tiegħu, iwieġeb li dan it-tagħrif li joħroġ mill-ispirazzjoni jibqa' dejjem utli għaliex ikun ta' għajnuna għalina billi jgħinna naċċettaw l-oġġett tax-xjenzi u ta' glorja għal Alla għaliex juri x-xjenza perfetta tiegħu (*Quaestiones disputatae de veritate*,12,2 ad 3).

Kull ma jaħseb, jgħid jew jagħmel il-bniedem jesprimi l-kultura u l-istil tiegħu. Biex f'kull test ta' l-Iskrittura nistgħu nifhmu l-intenzjoni ta' Alla u hekk niksbu l-verità inerranti tiegħu, jeħtieġ nagħrfu l-kultura u l-istil tal-kittieb u hekk nifirdu l-messaġġ mill-kultura u l-istil li jesprimuh.

L-istil huwa l-libsa litterarja ta' kull messaġġ. Il-libsa tagħti s-sura tagħha lill-messaġġ, kultant tista' taħbih. Kristu jaħbi u fl-istess ħin ixandar il-messaġġ tiegħu fis-sura ta' parabboli li mhumiex ħlief libsa letterarja tal-messaġġ. Biex wieħed jifhem tajjeb il-messaġġ, irid jifirdu mil-libsa letterarja tiegħu.

L-utilità ta' l-istil biex wieħed jifhem l-intenzjoni ta' Alla u hekk jasal għall-kelma inerranti tiegħu kienet magħrufa minn dejjem. S. Tumas ta' Akwinu jispjega l-antropomorfiżmu bibliku bħala figura jew metafora: "meta l-Iskrittura ssemmi d-driegħ ta' Alla, is-sens letterali jfisser li f'Alla hemm mhux dan il-membru tal-ġisem imma dak li l-membru jfisser, jiġifieri l-qawwa effiċjenti" (*Summa Theologiae*, I,1,10, ad 3). In-neċessità ta' l-istil bdiet tidher meta l-progress tax-xjenzi qajjem il-kwistjoni ta' l-inerranza tal-Bibbja. Ljun XIII inqeda bl-istil biex jispjega d-differenza bejn id-diskors tal-Bibbja u tax-xjenza fil-ħwejjeġ tan-natura: il-Bibbja tgħid li x-xemx iddur mad-dinja; ix-xjenza tgħid li d-dinja ddur max-xemx. Il-Papa jispjega li f'dawn il-ħwejjeġ il-bniedem jitħadded skond dak li jidher, skond l-apparenza. Aħna għadna nitħaddtu fuq tlugħ u nżul ix-xemx u ma nagħmlu ebda żball għalkemm nafu li x-xemx ma titlax u ma tinżilx. Hekk ukoll il-Bibbja ssemmi d-dinja ċatta, ix-xemx tielgħa u l-libru jew il-fenek li jixtarr, u ma tagħmel ebda żball għaliex hekk kienu jidhru l-affarijiet minn barra (enċiklika *Providentissimus Deus*; D 1947). Bħala konferma ta' dan il-Papa jiċċita lil S. Tumas ta' Akwinu fejn jgħid li Mosè "mexa fuq dak li jidher bis-sensi" (*Summa Theologiae*, I,70,1, ad 3), għalkemm S. Tumas jitħaddet iktar fuq l-oġġetti msemmija minn Mosè milli fuq il-mod li bih isemmihom.

Fuq l-eżempju ta' Ljun XIII, ħafna awturi bdew ifittxu stili letterarji ġodda, magħrufin bħala ġeneri letterarji, biex jispjegaw id-differenzi bejn il-Bibbja u x-xjenzi f'oqsma oħra, speċjalment fil-qasam ta' l-istorja. Billi dawn il-ġeneri letterarji setgħu jnaqqsu l-verità storika tal-Bibbja, Benedittu XV wissa l-eżeġeti biex ikunu għaqlin fl-użu tagħhom (enċiklika *Spiritus Paraclitus*; D 2188). U billi l-istess ġeneri letterarji mhumiex ħlief modi li bihom jitkellem il-bniedem u titkellem ukoll l-Bibbja għaliex Alla jkellem il-bniedem b'mod uman, Piu XII ħeġġeġ l-eżeġeti biex jistudjaw il-ġeneri letterarji tal-Bibbja u hekk jaslu għall-messaġġ inerranti ta' Alla (enċiklika *Divino afflante Spiritu*; D 2294). Il-Kunċilju tal-Vatikan II ikkonferma l-ġeneri letterarji (*Dei verbum*,12). Hekk ukoll d-dokument maħruġ mill-Kummissjoni Biblika Pontifiċja, fil-15 ta' April 1993, *L'interprétation de la Bible dans l'Église*, I, A,4.

Hemm ħafna ġeneri letterarji fil-Bibbja. Il-poeżija tippreżentalna l-muntanji li jaqbżu bħal kbiex (S 114,4). L-istorja eżjoloġika tiddeskrivi l-waqgħa ta' Ġeriko bid-daqq tat-trombi (Ġoż 6,20). L-istorja popolari tirrakkonta d-dehra tal-kavallier nieżel mis-sema biex jiddefendi t-tempju ta' Ġerusalemm (2 Mak 3,25). Il-parabbola tispjega l-qawwa ta' Alla li ġagħal lil Ġona jmur Ninwè (Ġona 1,1-3,4) u l-ħniena tiegħu li ħafer lin-nies tagħha (Ġona 3,5-4,11). L-immaġinazzjoni kabbret in-numru



tal-Lhud tajbin għall-gwerra li ħarġu mill-Eġittu (sitt mija u tlitt elef, ħames mija u ħamsin ruħ; Num 1,46), u l-għana ta' Salamun (fi żmienu l-fidda kienet bħall-ġebel ġewwa Ġerusalemm; 1 Slat 10,27). B'deskrizzjoni ideali, iktar milli reali, Ġeremija jsemmi l-qerda ta' Babel wara l-waqgħa tagħha (Ġer 50-51) għax hekk kien isir normalment fi żmienu. B'ċitazzjoni impliċita Pawlu jgħid "kollox jaqbel għalija" għax hekk kienu jgħidu l-oppożituri tiegħu (1 Kor 6,12). Dawn il-ġeneri letterarji u oħrajn bħalhom li kienu jintużaw fi żmien il-Bibbja jdawwluna dwar il-mentalità ta' l-awturi sagri u jħollu ħafna mill-problemi li nħalqu bil-progress tax-xjenzi.

### Il-gradwalità tar-rivelazzjoni

Alla seta' wettaq għal kollox il-pjan tas-salvazzjoni fi żmien Adam, immedjatament wara l-waqgħa, jew fi żmien Abraham immedjatament wara s-sejħa, imma dan ma għamlux. Mexa gradwalment. Wara l-waqgħa ta' Adam ta biss il-wegħda. Stenna żmien twil biex sejjaħ lil Abraham. Mas-sejħa tiegħu l-pjan tas-salvazzjoni daħal fl-istorja, imma ħa madwar għoxrin seklu biex seħħ bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Għoxrin seklu ta'storja li fiha l-pjan żviluppa ruħu bilmod fost tant ostakli bħalma huma l-jasar ta' l-Eġittu, l-oppressjoni ta' żmien l-Imħallfin, il-gwerer ta' żmien is-slaten, l-eżilju tal-Babilonja, l-oppożizzjoni tas-Samaritani wara l-eżilju, il-persekuzzjoni ta' żmien il-Makkabin, l-oppożizzjoni tal-Lhud għal-Kristu u n-nuqqas ta' fidi tad-dixxipli.

Hekk ukoll ir-rivelazzjoni tal-kelma ta' Alla kienet gradwali. Alla seta' jxandar l-Evanġelju kollu fi żmien Adam jew fi żmien Abraham, imma dan ma għamlux. Adam u Eva kellhom xi ħjiel dwar is-salvazzjoni mwiegħda lilhom, imma r-rivelazzjoni biblika bdiet biss fi żmien Abraham, u ħadet madwar għoxrin seklu biex żviluppat ruħha. Il-Lhud tat-T.Q. waslu għall-kunċett għoli ta' Alla wieħed, imma l-misteru tat-Trinità Qaddisa ġie mxandar fit-T.Ġ. Il-Lhud stennew Messija sultan ta' nisel David; id-dixxipli ta' Kristu għarfu Messija Alla magħmul bniedem. It-T.Q. kellu l-kmandamenti li jesprimu l-moralità sempliċi tad-deżert; it-T.Ġ għandu l-preċett għoli ta' l-imħabba.

Din id-differenza jagħrafha Kristu meta jqabbel iż-żewġ Testmenti fid-diskors tal-muntanja: qalulkom toqtlux, ngħidilkom toffendux; qalulkom tagħmlux adulterju, ngħidilkom tixtiqux nisa oħra; qalulkom ibagħtu l-mara, ngħidilkom tibagħtuhiex; qalulkom taħilfux fil-vojt, ngħidilkom taħilfu xejn; qalulkom għajn b'għajn, ngħidilkom troddux id-deni; qalulkom tħobbu lil għajrkom, ngħidilkom ħobbu l-għedewwa (Mt 5,21-48). Pawlu tqabad ma' dawk li riedu jżommu l-liġi ta' Mosè: lill-Galatin qalilhom li din il-liġi żammitna taħtha sal-miġja ta' Kristu li ħelisna minnha u tana l-adozzjoni ta' wlied (Gal 4,1-7). Id-dixxipli, mrawmin fit-T.Q., stennew Messija trionfanti; Kristu għallimhom li l-Messija kellu jbati (Mt 16,21-23; 17,22.23; 20,17-19). Pawlu jtenni li Kristu huwa l-misteru moħbi mill-ewwel żmenijiet u issa mikxuf fil-milja taż-żmien (Rum 16,25-27; 1 Kor 2,7-10; 4,1; Ef 3,5-10; Kol 1,26-28; 2,2.3; 4,3).

Minn dan joħroġ li fit-T.Q. hemm ħwejjeġ mhux imwasslin għat-tmiem sħiħ tagħhom. Dan ried jifhem il-Kunċilju tal-Vatikan II meta qal li l-kotba tat-T.Q.

fihom ħwejjeġ imperfetti, *imperfecta*, u temporanji, *temporanea* (*Dei Verbum*,15). Il-kelma inerranti ta' Alla ma tneħħix il-gradwalità tar-rivelazzjoni u l-imperfezzjoni li toħroġ minnha.

**PZ**



*Il-Ħolqien – "Fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-ispirtu ta' Alla"* (Ġen 1,1)